


## DONEC OPTATA VENIAT

### ... u kitbiet oħra interessanti jew kurjużi ma' bini, aktarx ċivili.

**Kitba ta' Philip Xuereb**

Fost diversi kurżitajiet mill-imgħoddi li għadhom jidhru fi żmienna 'l hawn u 'l hinn mar-Raħal tagħna, hemm għallanqas żewġ kitbiet ma' bini jdew djar, li jmorru lura xi erba' sekli, mbarra oħra ta' nofs is-seklu tmintax.

It-tlieta huma kitbiet bil-Latin. iżda l-ewwel tnejn huma versi mill-Bibbja – wieħed mir-Rabta l-qadima u l-ieħor mill-Ġdida. It-tnejn jinsabu fuq blajjet, waħda ta' tieqa u oħra ta' gallarija, ta' djar, jew li fadal minnhom, li l-istil tagħhom, jidher li setgħu kienu sinjorili għal dak iż-żmien. Il-fatt li kellhom dawn il-kitbiet juri li saru minn nies ta' ċertu livell ta' tagħlim u kultura, meta ftit li xejn min-nies tar-Raħal ma kellhom, u allura anqas biss setgħu jaqrawhom.

Madankollu l-kitbiet setgħu kienu intiżi għal dawk il-waħdiet, li mhux biss kienu jafu jaqraw, imma kienu jafu wkoll il-Latin li kien għodda essenzjali fl-edukazzjoni ta' dak iż-żmien daqs l-Ingliż illum, sew jekk kienu nies mir-Raħal innfisu, sew jekk viżitaturi. U għalhekk dawn ma setgħux ma jkunux ħlief dawk li kellhom pożizzjoni għolja fis-soċjeta` ta' żmienhom.

Waħda mill-kitbiet tinsab fuq il-gallarija, li hemm x'juri li kienet iddur mal-kantuniera tad-dar, illum ħanut tal-ħwejjeġ, fi Triq il-Kbira ma' Triq San Ġużepp, in-naħa l-oħra ta' l-għassa tal-pulizija. Il-bieb tagħha, imċekken wara, għandu lavur li jdur miegħu li kien komuni fl-aħħar nofs tas-seklu sittax, is-seklu ta' l-Assedju l-Kbir, u l-bidu tas-seklu sbatax. Quentin Hugħes isejjaħlu: *Melitan moulding(1)* Dan il-lavur għandu għamla ta' tliet bsaten jew rombli li jduru mal-kuxbiniet u l-blata. Il-kitba llum bilkemm tinduna biha u bilkemm tinqara. Iżda wara diversi tentativi u bi ftit għajnuna rnexxieli naqraha hekk:

**INITIUM SAPIENTIAE TIMOR DEI**

Tfisser: ***Il-biża' t'Alla hu l-bidu ta' l-għerf*** u meħuda mill-Ktieb ta' Bin Sirak. (2)

Il-kitba l-oħra tinsab fuq il-blata ta' tieqa li kienet tagħmel parti minn dar li minflokha llum inbena l-mużew ta' ħdejn il-Vitorja. F' Ħas-Sajjied. Il-lavur ta' mat-tieqa hawn hu aktar sofistikat u għandu mnejn juri li d-dar kienet inbniet xi żmien wara l-oħra li semmejna. Il-kitba hi vers mill-Evanġelju:

**NOLITE IUDICARE ET NON IUDICABIMINI**

***Tiġġudikax u ma tkunx iġġudikat. (3)***

Għalfejn jew b'liema għan setgħu saru dal-kitbiet mhux magħruf, għalkemm wieħed jista' jispekula, jekk ikun magħruf aħjar l-ambjent li fih saru u n-nies involuti. Imma jidher li dak iż-żmien, u ħafna qabel ukoll, kienet xi ħaġa in voga fost nies ta' ċerta klassi mhux biss f'Malta, iżda wkoll fil-kontinent.

Hekk fi *Placa del Pi*, fil-*Barrí Gotik* ta' Barċellona, fuq il-blata ta' bieb ta' palazz medjevali datat 1342, hemm arma ġentilizzja u vers mill-Ktieb ta' l-Esodu:

**ERIT SANGUIS IN SIGNUM EDIBUS VOBIS**
**INQUIBUS ERITIS – EXODI ...**

***U d-demm ikun għalikom sinjal mad-djar fejn tkunu***

Issa tajjeb li nsemmu li sa mid-data msemmija, Malta seta' kellha rabtiet ġmielhom ma' din il-belt-port ewlieni tal-Katalunja, minħabba li kienet tagħmel parti mir-renju Aragoniż, u possibbilment ukoll minħabba l-kummerċ. Madankollu jeżistu skrizzjonijiet simili, ta' żminijiet varji aktar lejna, f'diversi nħawi ta' l-Italja (4), fi Franza (5), kif ukoll aktar 'il fuq fis-Slovakkja. (6)

Sadattant , 'l hawn u 'l hinn fil-gżejjer tagħna jinsabb għadd mhux traskurabbli ta' kitbiet ta' dix-xorta, databbli mill-aħħar tas-seklu sittax 'l hawn, imma bosta minnhom saru fis-seklu sbatax. Fost tal-bidu hemm dik fuq blata ta' tieqa fi Pjazza Mezquita fl-Imdina:

**FORTUNA NUNQUÃ PERPETUA BONA**

***Ir-risq ma jibqax dejjem tajjeb*,**

u jekk tinqara sew, hemm id-data 1586.

Imbagħad hemm dawk fil-palazz Verdala fil-Buskett, li nbena li għad kif semmejna. Fuq barra naqraw:

**MONTI VERDALE ROS ET PLUVIA**

***Fuq l-għolja ta' Verdala nida u xita***

Wieħed jifhem għaliex il-Grammastru xtaq dan fuq il-proġett ta' afforestazzjoni li kien qed jagħmel, fi gżira xotta bħalma taf tkun dik tagħna. Fuq ġewwa mbagħad hemm miktub:

**CEDANT CURAE LOCO**

***L-inkwiet jieqaf f'dal-post***



Il-gallarija fl-iskrizzjoni fuq il-blata tal-bieb tagħha, li tinsab fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Ġużepp, ħdejn l-Għassa tal-pulizija.

U kien propju biex iderri ftit mit-taħbit tal-ħajja ta' kuljum li Verdala bena dak il-palazz u għamel il-masġar madwaru li għadna ngawduh sa llum.



It-tieqa (xellug) ħdejn il-knisja tal-Vitorja f'Ħas-Sajjied li fiha l-kitba msemmija f'dan l-artiklu.

Kien hemm imbagħad diversi skrizzjonijiet oħra, bil-Latin ukoll, ma' l-akwedott tal-Grammastru Wignacourt, ħabta tal-1615. Tnejn minnhom kienu ma' l-ark tal-Fleur-de-lys, oħra mat-turretta f'Santa Vendra, oħra ma' dik f'Tas-Samra u ma ta' Sarria l-Furjana. Imbagħad mal-funtana li kienet kif tidħol putirjal, illum taħt il-kavallier San Ġakbu u l-aħħar waħda mal-miżieb fil-port, taħt ta' Liesse, mnejn kienu l-ilma gax-xwieni. Dawn ifaħħru l-ħajja li ngħatat lill-Belt Valletta permezz ta' l-ilma mwassal minn Wignacourt permezz tal-bini ta' l-akwedott u bil-ħila ta' l-inġinier Bontadini. (7)

Aktar 'il bogħod fil-kampanja, bejn Ħal Għaxaq u Birżebbuġa, fl-1664 kien bena dar kavallier Sqalli ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Illum li fadal minnha magħruf bħala *Id-dar ta' Pultu*. Fuq il-bieb hu rrapurtat li kellha din l-iskrizzjoni, did-darba bit-Taljan:

**QUESTA E' LA CASA**
**DI IPPOLITO NOVANTIERI**
**CHE FECE OGGI QUEL**
**CHE DOVEA FAR IERI**

***Din id-dar t'Ippolito (Pultu )Novantieri,***
***li għamel illum dak li kellu jagħmel il-bieraħ. (8)***

Mat-Torri ta' Bubaqra, dar tal-kampanja fortifikata fl-inħawi taż-Żurrieq, li nbena fl-1679, naqraw:

**PER SIGNUM CRUCIS DE INIMICIS NOSTRIS LIBERA NOS DEUS NOSTER**

***Bis-Sinjal tas-Salib eħlisna mill-għedewwa tagħna, Alla tagħna.***

Kien hemm ukoll diversi skrizzjonijiet bil-Latin fuq it-Torri Gourgion, li sat-Tieni Gwerra Dinjija kien hemm fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex. Kien inawgurat fl-1690 kif kienet tfakkar waħda minnhom. Oħrajn kienu versi mill-Evanġelji jew xi parir siewi. Iżda waħda minnhom:

**AUDIERUNT CREDIDERUNT CUSTODIERUNT**
***Semgħu Emmnu Għożżew***

talludi għal-leġġenda li San Pawl kien instema' jippriedka minn hemmhekk. (9)

Xi ħames snin wara kien sar arloġġ tax-xemx mal-ħajt ta' wara tal-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt. Jinsab fil-għoli fi Triq San Pawl, qrib id-daħla ta' l-Universita` l-qadima. Ma tarahx malajr u jinħtieġ attenzjoni. Fih kitba bil-Latin li tgħid:

**TEMPUS ERAT QUANDO CESSABIT TEMPUS ERITQUE LUX AETERNA BONIS. NOX SINE FINE MALIS**
**13 AUGUSTUS 1695**
***Għad jiġi żmien meta ż-żmien jispicca Ikun hemm dawl ta' dejjem għat-tajbin. Dlam bla tmiem għall-ħżiena***

Hija twiddiba oħra serja kif ħafna drabi kienu jkunu skrizzjonijiet bħal dawn. U fiż-żmien meta ma kienx hemm arloġġi tal-but jew ta' l-idejn, inkella inġenji diġitalic, mqiegħda f'post li minkejja hu fejn hu, kienet taqa' taħt il-ħarsa ta' kulmin kif ifittex ikun jaf il-ħin – u dawn aktarx kienu jkunu jafu u jifhmu jaqrawha għax kienu midħla tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti li kien hemm fil-post.



Il-gallarija fi Pjazza Mesquita fl-Imdina li wkoll fiha skrizzjoni bħal dawk imsemmija li jinsabu f'Birkirkara u fi bnadi oħra ta' Malta u barra.

Iżda għalkemm jeżistu oħrajn imxerrdin fi nħawi differenti, nagħlaq b'kitba oħra mir-Raħal, li wkoll tinsab, jew kienet, ma' arloġġ tax-xemx fil-villeġġatura tas-seklu tmintax, illum magħrufa bħala *il-Palazz ta' Santa Liena*:

**DONEC OPTATA VENIAT**
***Sakemm tiġi l-mixtieqa***

E.B. Vella (10) fisser li dan qed jingħad għax-xemx, mbilli l-kitba tinsab ma' meridjana. Iżda din tagħmel użu minnha sakemm ix-xemx tkun għadha magħna. Mela l-istennija qiegħda, jew kienet, sakemm kien ikun għadu l-jum. Allura x'jista' jkun li kien jistenna min għamel dak l-arloġġ, wara li tinżel ix-xemx? Aktarx mhux dak li ħaseb Vella. U jekk wieħed iżomm f'moħħu l-ispirtu taż-żmien li fih saret, il-post u fejn hu qiegħed, u speċjalment kif seta' kien dak iż-żmien, altru li mhux ix-xemx kienet il-mixtieqa!

Referenżi


1. Hughes Q. – *The Building of Malta – 1530 1795*, (1957)
2. Ħajr għal dan lill-Kan. Anton Mallia Borg.
3. Luqa VI jew Mattew VII.
4. Eż: f'Padova, Vicenza, Verona u Ruma – lkoll bil-Latin.
5. Ez: fil-belt antika ta' Baux, fin-Nofsinhar tal-pajjiż.
6. F'Levoca, fuq bieb ta' dar, hemm kitba bil-Ġermaniż, bid-data 1605.
7. Ara: Abela G. F. – *Della Descrittione di Malta*, pp u *Heritage* pp109-116.
8. Buhagiar M. in *Heritage*, pp 258 et seq.
9. Calleja J, Zammit Haber F: *The Gourgion Tower*, Midsea Publ. 1997.
10. *Storja ta' Birkirkara...* (1934) p.247.